**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur George Frendo)**

**vs**

**Carmelo Pisani**

**Kumpilazzjoni 617/2019**

**Illum 14 ta' Novembru, 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Carmelo Pisani** detentur tal-karta ta' l-identita' numru 470958(M) billi huwa akkuzat talli, f'dawn il-Gzejjer, fit-3 ta' Ottubru 2013 u fil-jiem u x-xhur ta' qabel, fil-fond bl-isem '74, The Orchid, Triq is-Sur, Fgura', kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-iskeda II tal-Kapitolu 480, minghajr ma kellhu licenzja taht l-Att Dwar l-Armi.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-arma u l-munizzjoni bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Armi.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill—akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati ghall-akkuzi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Art. 5(1) u Art. 51(2) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati u tikkundannah multa ta' sitt mija u tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81).

Il-Qorti qieghda tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-arma esebita formalment (I/B/134/15).

-----------------------------

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Margaret De Battista
Deputat Registratur